MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 309/2009

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C E, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u F E nominata kuratrici ad litem sabiex tirrappreżenta lill-minuri G B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu u l-konvenuta C E ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-14 ta' Novembru 2008; li qabel din id-data huma kienu ilhom separate de facto ghal diversi xhur; li sussegwentement l-attur sar jaf li fit-22 ta' April 2009 l-istess konvenuta weldet tarbija bl-isem G li giet registrata fuq ismu bil-kunjom B; li t-test tad-DNA

ikkonferma li din it-tarbija mhijiex il-wild naturali ta' l-attur; ghaldaqstant talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-minuri G B m' hijix il-wild naturali tar-rikorrent A B u li r-rikorrent m' huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri G B, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjum il-missier il-kliem "A B", in-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrenti, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u sabiex jinserixxi l-kliem "missier mhux maghruf" fil-kollonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C E li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illli preliminarjament *trattasi* minn kawża ta' *denegata paternita'* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda milill-kontinġenzi li hemm imsemmija fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament fil- kompartiment fejn hemm indikat id-data ta' meta daħal l-att, għandhom jiġu

kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1871 tas-sena 2009 (Dok AE2);

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar [fols.51 et seq.]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla G B, li twieldet mill-konvenuta C E fit-22 ta' April 2009 u li fuq ic-certifikat tat-twelid taghha numru 1871/09 tinsab registrata bhala wild tieghu, mhijiex fil-fatt it-tifla naturali u bijologika tieghu; qed jitlob ukoll id-debiti aggustamenti fl-imsemmi att tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta C E ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-14 ta' Novembru 2008 meta fil-fatt kienu diga' ilhom diversi xhur separati de facto u li matulhom ma kellhomx relazzjonijiet intimi.

Illi ferm il-premess, il-konvenuta E tghid li t-tifla twieldet minn relazzjoni extra matrimonjali li hi kellha ma ragel iehor, mhux zewgha.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissuffragaw it-tezi tal-partijiet, stante li jikkonfermaw li t-tifla G B mhijiex il-wild naturali u bijologika ta’ l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla G B li twieldet mill-konvenuta C E fit-22 ta’ April 2009 mhijiex il-wild naturali u bijologika ta’ l-attur, u ghalhekk tordna li konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------